IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.10.2024
COM(2024) 161 final/2

2024/0074 (NLE)

ADDENDUM
This document replaces COM(2024)161 of 18.03.2024
Concerns all language versions
Insertion of the reference to the linked Commission Staff Working Document SWD(2024)237 final

The text shall read as follows:

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja

{SWD(2024) 237 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") huwa li tikkoopera ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-oqsma koperti mir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (ir-Regolament (UE) 2019/1896) ("ir-Regolament") "inkluż permezz tal-iskjerament operazzjonali possibbli ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri f'pajjiżi terzi."[1] B'mod speċifiku, l-Aġenzija, bħala parti mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, għandha tiżgura l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri[2], li komponent minnhom huwa l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma koperti mir-Regolament, b'enfasi partikolari fuq pajjiżi terzi ġirien u fuq pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu għall-immigrazzjoni irregolari[3]. L-Aġenzija tista' tikkoopera mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi kompetenti fi kwistjonijiet koperti mir-Regolament sa fejn ikun meħtieġ għall-issodisfar tal-kompiti tagħha[4] u tista' twettaq azzjonijiet relatati mal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fit-territorju ta' pajjiż terz soġġetti għall-qbil ma' dan il-pajjiż terz.

Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament, f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament f'pajjiż terz ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li fih il-membri tat-timijiet jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat. Jenħtieġ li tali ftehim dwar l-istatus ikun ibbażat fuq il-mudell li l-Kummissjoni fasslet kif previst fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament. Il-Kummissjoni adottat dan il-mudell fil-21 ta' Diċembru 2021[5].

Ir-Repubblika tas-Serbja ("is-Serbja") tinsab ġeografikament f'waħda mir-rotot primarji għall-moviment migratorju mħallat irregolari lejn l-Unjoni Ewropea. Fl-2023, il-Frontex irreġistrat madwar 99 000 qsim irregolari fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent kif ukoll aktar minn 25 000 qsim irregolari fil-fruntieri mhux tal-UE tas-Serbja. Il-migranti irregolari huma fil-mira ta' gruppi kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin tal-persuni u huma f'riskju kbir li jisfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-livell għoli ta' wasliet irregolari u applikazzjonijiet għall-ażil qiegħed ipoġġi wkoll pressjoni sinifikanti fuq xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, li jwassal għall-ħtieġa ta' azzjoni komuni u kkoordinata fil-livell tal-Unjoni.

Fl-2020, l-Unjoni u s-Serbja kkonkludew ftehim dwar l-istatus[6] ibbażat fuq ir-Regolament (UE) 2016/1624[7], li tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament. Minħabba l-ambitu limitat tar-

---

1 L-Artikolu 10(1)(u) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

2 L-Artikolu 71(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

3 L-Artikolu 3(g) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

4 L-Artikolu 73(1) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

5 Il-Komunikazzjoni COM(2021) 829 - Mudell ta' ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624.

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/865 tas-26 ta' Mejju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja (ĠU L 202, 25.6.2020, p. 1).

7 Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-

Regolament (UE) 2016/1624, l-operazzjonijiet konġunti mwettqa abbażi ta' dan il-Ftehim dwar l-Istatus huma limitati għall-fruntieri tas-Serbja mal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li taġixxi fi ħdan dan il-qafas limitat, il-Frontex qed twettaq l-*Operazzjoni Konġunta Serbia* (preċedentement l-*Operazzjoni Konġunta Serbia Land*) fil-fruntieri tal-art tas-Serbja mal-Ungerija u l-Bulgarija. Fit-12 ta' Frar 2024, ġew skjerati 99 uffiċjal tal-korp permanenti f'din l-operazzjoni, li wassal għal titjib tal-kontroll tal-fruntieri permezz tat-trażżin tal-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera.

Fit-18 ta' Novembru 2022, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1896, li bih ġie estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet dwar l-istatus, il-Kummissjoni rċeviet l-awtorizzazzjonijiet tal-Kunsill biex tiftaħ negozjati mas-Serbja[8] kif ukoll mal-Montenegro, mal-Albanija u mal-Bożnija-Ħerzegovina, fir-rigward ta' ftehimiet dwar attivitajiet operazzjonali li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'dawk il-pajjiżi abbażi ta' dan ir-Regolament il-ġdid. Fit-30 ta' Novembru 2022, ġiet organizzata laqgħa mill-Kummissjoni mal-erba' pajjiżi msemmija hawn fuq, li fiha ġew enfasizzati l-punti ġodda prinċipali tal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u s-Serbja kellhom negozjati formali bil-ħsieb ta' ftehim fl-14 ta' Settembru u fis-7 ta' Novembru 2023. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-objettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu ntlaħqu u li l-ftehim huwa aċċettabbli għall-Unjoni.

L-abbozz ta' ftehim jitbiegħed mill-mudell tal-ftehim dwar l-istatus[9] billi jipprovdi immunità limitata tal-membri tat-tim mill-ġuriżdizzjoni kriminali[10] u billi jipprovdi eċċezzjoni limitata għall-invjolabbiltà tal-bini u tal-assi tal-Aġenzija[11]. Dawn id-derogi mill-mudell huma aċċettabbli minħabba l-istatus tas-Serbja bħala kandidat rikonoxxut għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, il-fatt li l-ftehim dwar l-istatus attwali mas-Serbja jipprovdi dispożizzjonijiet u operazzjonijiet komparabbli skont dak il-ftehim qed jipproċedu b'mod eżemplari u li derogi simili jew identiċi ġew aċċettati għall-ġirien kollha tas-Serbja li reċentement innegozjaw ftehimiet simili mal-Unjoni.

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja.

Is-sitwazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen

Din il-proposta tibni fuq l-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Madankollu, l-Unjoni ma għandha l-ebda setgħa li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus mas-Serbja b'mod li jorbot lin-Norveġja, lill-Iżlanda, lill-Iżvizzera u lil-Liechtenstein. Sabiex jiġi żgurat li l-gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor li jintbagħtu minn dawk il-pajjiżi lejn is-Serbja jibbenefikaw mill-istess status kif previst fil-ftehim dwar l-istatus, ġiet mehmuża dikjarazzjoni konġunta mal-Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim

---

Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

8 ĠU L 300, 21.11.2022, p. 29.

9 Il-Komunikazzjoni COM(2021) 829 - Mudell ta' ftehim dwar l-istatus kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624.

10 Ara l-Artikolu 12(3) tal-abbozz ta' ftehim.

11 Ara l-Artikolu 11(5) tal-abbozz ta' ftehim.

dwar l-istatus li jiddikjara x-xewqa li jiġu konklużi ftehimiet simili bejn is-Serbja u kull wieħed minn dawk il-pajjiżi assoċjati.

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[12]; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tisħiħ tal-kontrolli fit-territorju tas-Serbja se jkollu impatt pożittiv fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll fuq il-fruntieri tas-Serbja nnifisha. Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tkun marbuta mal-objettivi u l-prijoritajiet usa' għall-kooperazzjoni kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea mas-Serbja[13].

Il-konklużjoni ta' ftehim dwar l-istatus tista' wkoll tappoġġa l-isforzi u l-impenji usa' tal-Unjoni Ewropea biex tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni u l-kapaċitajiet[14] sabiex tikkontribwixxi għall-maniġġar ta' rispons għall-kriżijiet u tippromwovi l-konverġenza dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà bejn l-Unjoni u s-Serbja.

2. BAŻI LEGALI U PROPORZJONALITÀ

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE.

Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea li tikkonkludi ftehim dwar l-istatus hija prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, li jiddikjara "[f]'ċirkostanzi li jirrikjedu l-istazzjonament f'pajjiż terz ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti meta l-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, l-Unjoni għandha […] tikkonkludi mal-pajjiż terz ikkonċernat ftehim dwar l-istatus".

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea għandha, fost l-oħrajn, ikollha kompetenza esklużiva li tikkonkludi ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġiżlattiv tal-Unjoni. L-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 jipprevedi ftehim dwar l-istatus li "l-Unjoni għandha […] tikkonkludi mal-pajjiż terz ikkonċernat". Konsegwentement, il-ftehim li għandu jiġi ffirmat u konklużż mar-Repubblika tas-Serbja jaqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-ftehim dwar l-istatus propost huwa bbażat fuq il-mudell ta' ftehim adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021[15], filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet miftiehma qabel tal-ftehim eżistenti dwar l-istatus mar-Repubblika tas-Serbja[16].

---

12 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

13 ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16.

14 Bħal taħriġ, għarfien tas-sitwazzjoni, tagħmir, kapaċità ta' reazzjoni, skjerament tal-persunal eċċ.

15 Il-Komunikazzjoni COM(2021) 829.

16 ĠU L 202, 25.6.2020, p. 3.

Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim propost ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu, jiġifieri, abbażi tal-mudell tal-ftehim dwar l-istatus, li jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet tat-timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri magħmulin mill-korp permanenti stazzjonat f'pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ċivili u kriminali, il-kompiti u s-setgħat tal-membri tat-timijiet, il-miżuri relatati mal-istabbiliment ta' uffiċċju antenna u l-miżuri prattiċi relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Billi dan se jkun ftehim ġdid, ma setgħet titwettaq l-ebda evalwazzjoni jew kontroll tal-idoneità tal-istrumenti eżistenti. L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa għan-negozjati dwar il-ftehim dwar l-istatus.

- **Drittijiet fundamentali**

F'konformità mal-premessa 88 tar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kummissjoni vvalutat is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali rilevanti għall-oqsma koperti mill-ftehim dwar l-istatus fis-Serbja u se tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

Il-ftehim previst fih miżuri prattiċi relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali u jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati bis-sħiħ matul l-attivitajiet organizzati abbażi tal-Ftehim. Il-Ftehim jipprevedi mekkaniżmu tal-ilmenti indipendenti u effettiv f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/1896 biex jimmonitorja u jiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha organizzati fuq il-bażi tal-Ftehim.

- **Protezzjoni tad-*data***

Peress li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istatus relatati mat-trasferiment ta' *data* personali ma jvarjawx sostanzjalment mill-mudell tal-ftehim dwar l-istatus, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ma ġiex ikkonsultat dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim dwar l-istatus.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ftehim dwar l-istatus fih innifsu ma għandu l-ebda implikazzjoni finanzjarja. L-istazzjonament effettiv tat-timijiet ta' gwardji tal-fruntiera abbażi ta' pjan operazzjonali jkun jinvolvi kostijiet imġarrba mill-baġit tal-Aġenzija. Operazzjonijiet fil-futur taħt ftehim dwar l-istatus se jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi proprji tal-Aġenzija kif previst fiċ-ċiklu tal-baġit annwali tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta diġà tifforma parti mill-baġit tal-Unjoni kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-istatus.

2024/0074 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/XXX[2], il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja ("il-Ftehim") kien iffirmat [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], f'ċirkostanzi li jirrikjedu l-iskjerament ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta lejn pajjiż terz fejn il-membri tat-timijiet se jeżerċitaw setgħat eżekuttivi, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus mill-Unjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat abbażi tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[4]; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi

---

1 ĠU C, , p. .

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/XXXX ta' XXX.

3 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(5) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja ("il-Ftehim"), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni[5].

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha[6].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[5] It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L ... , p. .

[6] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.